Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,273, 21 ta' Ġunju, 2024

Taqsima B

A.L. 138 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista' jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2024 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Early Childhood Education and Care – B.A. (Hons) ECEC – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 151 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) L-istudenti huma meħtieġa li jgħaddu mill-esperjenzi kollha fil-qasam tax-xogħol. L-għadd ta' żjarat ta' valutazzjoni għandu jiġi ddikjarat fil-linji gwida tal-Fakultà iżda l-eżaminaturi jistgħu jżidu ż-żjarat ta' valutazzjoni kif iqisu xieraq."